MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 223/1999/2

**Mario Attard**

**v.**

**Giovanni Attard u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2014**
**stante l-mewt ta' Giovanni Attard fil-mori tal-kawza,**
**il-gudizzju gie trasfuz ghal fuq isem uliedu Adelina Bowker,**
**Joseph Attard, George Attard u Miriam Camilleri**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmull mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati [Ghawdex] Superjuri fil-gurisdizzjoni generali taghha fit-2 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tieghu, laqghet it-talbiet tal-attur u ddikjarat li "l-parti mill-kamra ossia mahzen li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-fond numru 17 Triq Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat Ghawdex, gia` numru 3 Triq Santa Domenica, tappartjeni esklussivament lill-atttur"; iddikjarat li l-konvenut ma ghandu ebda jedd fuq din il-parti tal-mahzen u ghalhekk qieghed jidditjenih minghajr titolu validu fil-ligi; u konsegwentement ordnat lill-konvenut sabiex fi zmien xahrejn mis-sentenza jivvaka mill-istess parti tal-mahzen, u jhalliha a dispozizzjoni tal-attur, bl-ispejjez kontra il-konvenut.

2. Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u, minflok, tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

3. Fir-risposta tieghu, l-attur appellat qed jitlob li din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**Il-Fatti**

4. Il-mertu ta’ dawn il-proceduri jittratta dwar kamra [imsejjha mahzen] li tinsab fuq in-naha ta’ wara ta’ zewg fondi kontigwi: il-fond numru 15 Triq Sir Arturo Mercieca, ir-Rabat, illum proprjeta` tal-konvenut, u l-fond numru 17 fl-istess triq, illum proprjeta` tal-attur. Din il-kamra tmiss *in parte* mal-fond numru 15 u *in parte* mal-fond numru 17. Inizjalment dan il-mahzen kellu bieb wiehed li jaghti ghall-fond numru 15 [li kien il-fond tal-genituri tal-konvenut u allura nanniet tal-attur] u tieqa li taghti ghall-fond numru 17. Biz-zmien it-tieqa ccartet mill-konvenut sabiex infetah bieb li jaghti ghall-fond numru 17, bir-rizultat li meta l-mahzen kien baqa’ jintuza minn Anton, Felice u Gionvanni [il-konvenut] ahwa Attard, kien hemm zewg bibien: wiehed jaghti ghall-fond numru 15, ir-residenza tal-konvenut, u l-iehor jaghti ghall-fond 17, il-workshop ta’ mastrudaxxa tal-attur.

5. Il-fatti jinsabu dettaljatament elenkati fis-sentenza appellata li fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> “Fil-qosor il-fatti li taw lok għal din il-kawża kienu s-segwenti:
>
> “Guzepp u Adelina Attard, nanniet ta' l-attur u ġenituri tal-konvenut, kienu għamlu testment sigriet li permezz tiegħu ħallew b'titolu ta' prelegat lil uliedhom Anton (missier l-attur), Felic (ziju ta' l-attur) u Giovanni (il-konvenut), il-*garage* anness mad-dar residenzjali tagħhom, li jġib in-numru tlieta (3) Triq Santa Domenica, (illum numru sbatax (17) Triq Sir Arturo Mercieca), r-Rabat, Għawdex, inklużi l-partijiet tal-ġnien u l-maħżen li jiġu wara dan il-*garage.* Dana bil-kondizzjoni illi jekk binhom Giovanni jimpjega ruħu ma' terzi fi żmien qasir wara l-mewt ta' l-ewwel wieħed fost it-testaturi, dan jitlef id-dritt għal sehmu minn dan il-legat. Infatti l-konvenut impjega ruħu mal-Gvern ftit xhur biss wara l-mewt ta' missieru u allura ġiet fis-seħħ din il-kondizzjoni. Sabiex jitwettaq dan il-legat, il-parti tal-ġnien retrostanti l-

*garage* ġiet eventwalment annessa ma' dan il-*garage*, billi ttella' ħajt fil-ġnien tad-dar tad-*decujus*, b'tali mod illi din il-parti tal-ġnien ġiet mifruda fiżikament mill-kumplament tiegħu. Il-maħżen pero` baqa' qatt ma ġiet segregat ukoll bl-istess mod. Ġara illi l-konvenut, li minn dejjem kien u baqa' jirrisjedi fid-dar tal-ġenituri tiegħu, tant li din illum hija proprjeta` tiegħu wara li xtara l-ishma ta' ħutu, għalkemm kien sab impieg mal-Gvern, xorta waħda baqa' jassisti lil ħutu Anton u Felic fix-xogħol tagħhom ta' mastrudaxxa. Infatti huwa kien jillostralhom it-twiebet, u dan ix-xogħol kien jagħmlu proprju fil-maħżen ta' wara l-ġnien tad-dar tiegħu, li oriġinarjament kellu bieb u żewġt itwieqi jagħtu għal dan il-ġnien. It-tieqa li kienet tagħti għall-parti tal-ġnien li ġiet inkorporata mal-*garage* tal-legatarji, ġiet imċarrta f'bieb u minn hemm kienu jiddaħħlu u jinħarġu t-twiebet li kien jaħdem fuqhom il-konvenut. Imma hekk kif il-konvenut fetaħ negozju ta' mastrudaxxa għalieh f'post ieħor, dan il-bieb ġie imbarrat, għall-ewwel bl-injam u l-ħġieġ, u sussegwentement bil-ġebel, b'tali mod li l-maħżen spiċċa fil-pussess esklussiv tal-konvenut. L-attur bħala suċċessur fit-titolu tal-legatarji, ftit wara li miet missieru talab lill-konvenut biex jagħtih il-pussess anke ta' dik il-parti tal-maħżen li tiġi wara l-*garage* tiegħu, li huwa jsostni li kienet tifforma parti ntegrali mill-legat imħolli minn Guzepp u Adelina Attard lil missieru u zijuh, imma dan irrifjuta"

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

6. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Billi l-konvenut qiegħed jeċċepixxi preliminarjament in-nuqqas ta' nteress ġuridiku fl-attur, jeħtieġ qabel xejn li tiġi ndirizzata din l-eċċezzjoni. Il-* ***Mattirolo*** *(Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; 5ta. ed. Torino 1902 vol. I #54 et. seq.) ifisser x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża bil-mod segwenti:*

"*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale* ***"l'interesse e' la misura di azione"*** ***"point d'interet, point d'action"****. Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36 (illum art. 100 c.p.c.) e' detto che '****per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'****…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita` di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere* ***diretto, legittimo, e attuale.***

*"55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia* ***diretto, personale****, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*"56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe` confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che, per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe` non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*"57. Per ultimo l'interesse deve essere **attuale,** val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero` che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*" ( pag. 50 – 52).

*"Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża, bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkażżjoni jgħidu l-Qrati tagħna:*

> "*Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*" ("Micallef Goggi vs. Armando Mifsud Vol.XXVII. I. 507).

"Infatti teżisti ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna dwar l-elementi ta' l-interess ġuridiku meħtieġa f'kull kawża. Hekk insibu jingħad illi:

> "*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt giudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni (Vol. XX XVII. II. 608); u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII. I. 507). L-interess hu l-bażżi ta' l-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; VOL. XXXVII. I. 57; XXXVII. II. 608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu ntererss fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittima u konkret (Vol. XXVIII. II. 317*)" (Appell: Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana : 3.12.1984; Vol. LXVIII. II. 233).

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, insibu illi l-attur għandu interess li huwa **dirett jew personali** għaliex hu bħala l-*aventi causa* ta' missieru u zijuh li kienu l-legatarji tal-ġenituri tagħhom, jippretendi li l-konvenut approprja

ruħu abużivament mill-parti tal-maħżen li kien inkluż f'dan il-legat, li allura llum jappartjeni lilu. Huwa **leġittimu** għax huwa bbażat fuq titolu legali (legat imħolli b'testment validu) li kapaċi joħloq dritt għall-proprjeta`, u huwa **attwali** għax l-attur isostni li l-effetti ta' dan il-legat baqgħu jeżistu anke meta huwa ġie biex jipproċedi bil-kawża preżenti. Jekk kienux fil-fatt għadhom jeżistu dakinhar jifforma l-mertu ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra dwar il-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut, ħaġa li pero` trid tiġi nvestigata fi stadju ulterjuri ta' din is-sentenza. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih respinta.

"Niġu issa għalhekk għall-mertu. Dwar azzjoni bħal din il-**Paċifiċi Mazzoni** jfisser illi:

> "*La proprieta`… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria…. L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta` e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta`, che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta` manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta`, il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis****…. La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta` non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau, *che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica****. Sembra quindi che per equita` non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta` annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*
>
> *"1.Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta`, consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta`, purche' il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….
>
> *"2.Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta`, e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita` della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*
>
> "3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….

> "*Del resto la prova della propreta` puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*
>
> "*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[1]

"Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

> "…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta` fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX. II. 488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez. XXXII. I. 282; XXXIII. II. 266; XXXV. I. 518; XXXVII. I. 105;*"[2]

"Hekk ukoll ingħad illi:

> "*Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***
>
> *"Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu".*[3]

"Fil-kawża odjerna, l-konvenut qed jikkontesta t-titolu ta' l-attur, kif ingħad, bil-preskrizzjoni u b'dikjarazzjoni li kienet saret fl-okkażżjoni tal-bejgħ tad-dar tal-konjuġi Giuseppe u Adelina Attard lill-konvenut. A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenut mhux qed jeċċepixxi titolu ta' proprjeta`, l-oneru tal-prova jaqa' allura fuq l-attur.

---

[1] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; vol. III. # 131 - 134, p. 207et seq.
[2] Appell Civili : Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg : 17.11.1958; Kollez. vol. XLII. pt. I. p. 575 .
[3] Giuseppi Abela vs John Zammit : P.A. 16.5.1963 .

“L-attur qed jibbaża t-titolu tiegħu fuq it-testment sigriet tan-nanniet paterni tiegħu Giuseppe u Adelina konjuġi Attard tat-28 ta' Ottubru 1954,[4] li fil-ħames artikolu ta' dan it-testment iddisponew *inter alia* illi: " *(i) lit-tliet uliedna Felice, Anton u Giovanni Attard inhallulhom il hanut jew mahzen ta mastrudaxxa fi Trik Santa Domenica N.3, ta dina l-Belt Vittoria, illi ghandu jigi mifrud mid-dar kontingua, bl-obbligu illi ihalsu lira u nofs fis-sena mil-ammont kollu tac-cens li l-istess hanut u id-dar kontingua huma soggetti; mal-istess hanut inhalulhom parti mil gnien u mil mahzen li hemm fl-istess gnien, igifiri, terza parti mis-superfici tal gnien kollu kompiz il mahzen ta gio fieh; fil-kas illi xi wiehed min dawna it-tliet prelegatarji ikun irid ibiegh jew b-mod iehor jiddisponi min sehmu mil-imsemmi stabili, ikun obligat allura jghati liz-zewg hutu l-ohra il preferenza fl-akwist;…Dana l-prelegat kied jigi imholli bl-obbligu tall-istess prelegatarji Felice u Anton Attard illi jibkaw ihaddmu maghhom lil huwhom liehor Giovanni Attard u ihalsuh skont il kapacita` u attivita` tighau u sakemm hua ma jmpiegax ruhu band-ohra. Fil kas, imbat, illi l-imsemmi Giovanni Attard isib xi impieg iehor stabili ma tul l-ewwel erbgha snin mil gurnata tal mewt tall-ewwel wiehed fost it-testaturi, allura f-dana il kas ikun intitolat jkkonsegwixxi min ghand l-imsemijn zewgg hutu Felice u Anton Attard is-somma ta' mitt lira sterlina illi it-testaturi jmponu u jobbligau lil-istess zewgg prelegatarji illi jhallsu lill-imsemmi huhom Giovanni Attard*; *[u dana flok is-sehem tal-hanut lilu mholli fin-N, (i) ta’ dan l-artikolu, b’ mod li l-istess hanut jigi jappartjeni liz-zewg hutu Felic u Anton Attard esklussivament. [Fol.58]*”]

“Ġia sar aċċenn għall-fatt illi Giovanni Attard sab impieg mal-Gvern ftit xhur wara l-mewt ta' missieru u allura avverat ruħha l-aħħar parti ta' dan il-legat, b'tali mod illi dan issa kellu jiġi perċepit biss mill-aħwa Felice u Anton Attard. Permezz ta' kuntratt ta' qasma tas-17 ta' Diċembru 1984, il-*garage* li kien imħolli lilhom bil-legat fuq imsemmi, ġie assenjat lil Anton Attard, missier l-attur preżenti,[5] u mbagħad l-istess *garage* ġie konċess lill-attur mill-ġenituri tiegħu b'kuntratt ta' donazzjoni tat-12 ta' Novembru 1996.[6]

“Imma bit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-konvenut qed jgħid li l-azzjoni preżenti hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2143 tal-Kap. 16. li jistipula li:

> "**L-azzjonijiet kollha, reali, personali jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni għeluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi**."

“Il-konvenut jikkontendi illi dik il-parti tal-maħżen retrostanti l-ġnien tad-dar tiegħu, u li hija reklamata mill-attur, kien ilha fil-pussess esklussiv tiegħu għal iżjed minn tletin sena minn meta l-attur intavola l-kawża preżenti, u allura din l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu tal-liġi hawn ċitat. Mill-provi prodotti rriżulta li, kif ġia ngħad, minkejja li l-konvenut ġie eskluż milli jipperċepixxi l-legat imsemmi, huwa xorta waħda baqa' jgħin lil ħutu fix-xogħol ta' mastrudaxxa, billi kien jillostralhom it-twiebet proprju fil-maħżen, li porzjon diviż minnu kellu jifforma parti minn dan il-legat. Għal dan il-fini tieqa li kien hemm fil-maħżen iċċartet sabiex jiġi provdut aċċess dirett minnu għal ġewwa

[4] kopja esebita a fol. 56 - 59 tal-process .
[5] ara kopja esebita bhala Dok. C a fol. 67 - 68 .
[6] ara kopja esebita bhala Dok. D a fol. 69 - 70 .

l-*garage* ta' ħut il-konvenut, u b'hekk dawn it-twiebet u l-materjal meħtieġ għalihom seta` jiddaħħal u jinħareġ minn dan il-bieb, mingħajr pero` mal-konvenut ikollu aċċess liberu għall-*garage* ta' ħutu. Infatti dan il-bieb kien jissakkar permezz ta' firroll minn naħa ta' ħut il-konvenut, u għalhekk filwaqt illi huma setgħu jidħlu fil-maħżen x'ħin riedu, l-konvenut kellu biss aċċess għall-*garage* tagħhom x'ħin kienu jiftħulu minn naħa tagħhom. Din is-sitwazzjoni baqgħet isseħħ sakemm il-konvenut ġie biex jiftaħ negozju ta' mastrudaxxa separat f'*garage* li bena fuq biċċa art li xtara fl-10 ta' Diċembru 1969.[7] Billi l-konvenut ma baqgħax jgħin lil ħutu, dawn ħarġu ħwejjiġhom mill-maħżen in kwistjoni, u nbarraw minn naħa tagħhom il-bieb li kien jinfed mill-*garage* tagħhom għal dan il-maħżen b'biċċiet tal-ħġieġ u nbarazz ieħor. Il-konvenut ukoll imbarra l-istess bieb min-naħa tiegħu b'folja tal-injam u f'xi żmien wara, l-konvenut qabad u mblokka dan il-bieb b'ħajt tal-ġebel biex neħħa l-possibilita` li jkun hemm aċċess mill-*garage* ta' ħutu għal dan il-maħżen.

"Biex tirnexxi l-eċċezzjoni li qed iressaq il-konvenut a bażi ta' l-artikolu hawn fuq ikkwotat, u peress li din hija preskrizzjoni estintiva, dan irid jipprova l-inazzjoni da parti ta' l-attur għaż-żmien ta' tletin sena rikjest mil-liġi. Il-konvenut qed isostni li l-maħżen ta' wara l-ġnien tad-dar tiegħu ilu fil-pussess esklussiv tiegħu minn meta fetaħ negozju ta' mastrudaxxa għar-rasu, iżjed minn tletin sena qabel ma l-attur ippreżenta l-kawża preżenti, u li dan seħħ hekk kif akkwista l-art li fuqha bena l-*garage* tiegħu fl-1969. Imma apparti l-fatt li, kif sewwa jikkontendi l-attur fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu ma jistax ikun li l-konvenut seta` ttrasferixxa n-negozju tiegħu għall-*garage* l-ġdid immedjatament wara li akkwista l-art li fuqha bena dan il-*garage*, għax dan neċessarjament irrikjeda ċertu żmien biex inbena u tlesta, missier l-attur kien bagħat ittra uffiċċjali lill-konvenut fid-29 ta' Settembru 1999, fejn interpellah biex jivvaka u jħalli a libera dispożizzjoni tiegħu dik il-parti tal-maħżen li tiġi wara l-*garage* tiegħu, billi din kienet tifforma parti mil-legat imħolli mill-ġenituri tiegħu.[8] Dan l-att ġudizzjarju naturalmnet sar biex tiġi interrotta kwalunkwe preskrizzjoni li setgħet altrimenti għaddiet a favur tal-konvenut bis-saħħa ta' dan l-artikolu tal-liġi. Terġa' bin il-konvenut stess, George Attard, ammetta li missier l-attur u zijuh ma setgħux jidħlu iżjed fil-maħżen in kwistjoni fl-aħħar tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973),[9] wara li missieru rtira minn mal-Gvern u fetaħ ħanut ta' mastrudaxxa għar-rasu. Din il-kawża ġiet intavolata fl-20 ta' Diċembru 1999, u allura qabel ma laħqu skadew it-tletin sena minn meta Anton u Felic aħwa Attard tilfu l-pussess fiżiku tal-maħżen in kwistjoni. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda wkoll.

"Niġu issa għalhekk għar-raba' eċċezzjoni li biha l-konvenut qed jikkontendi li din l-azzjoni hija preskritta wkoll a bażi ta' l-artikolu 845(1) tal-Kap. 16. Dan is-sub-artikolu, meta saret din il-kawża, kien jistipula li:

> "**L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew leġittima, jew is-sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal illeġittimi jew lil żewġ jew mart il-mejjet, sew fis-suċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni**."

[7] ara kopja annessa a fol. 209 - 215 .

[8] ara kopja taghha esebita bhala Dok. A a fol. 276 .

[9] ara deposizzjoni tieghu tal-15 ta' Mejju 2007 a fol. 122 - 141, u partikolarment dik a fol. 127 .

“Il-konvenut jikkontendi illi peress li l-beni mmobbli reklamat mill-attur kien jifforma parti mil-legat imħolli lil missieru u ħutu bit-testment sigriet ta' Guzepp u Adelina konjuġi Attard, u s-superstiti fosthom, Adelina Attard, mietet fis-27 ta' Ottubru 1963,[10] kien laħaq skada ż-żmien għal talba simili meta ġiet attwalment ippreżentata din il-kawża, ferm wara li għaddew għaxar snin minn dik id-data. Imma l-kawża preżenti, kif intqal fil-bidu, hija l-*actio rei vindicatoria* u mhux waħda fejn qed jintalab li l-attur jiġi immess fil-pussess ta' dan il-legat. Dan kien ilu f'idejn missieru Anton u zijuh Felic fl-intier tiegħu sa minn ftit wara l-mewt ta' missierhom fl-1954. Infatti ġia rajna kif dawn kienu jidħlu fil-maħżen in kwistjoni liberament sakemm il-konvenut kien għadu jgħinhom fix-xogħol ta' mastrudaxxa sas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973). Kien biss fl-aħħar ta dik is-sena li tilfu l-pussess fiżiku ta' dan il-maħżen, meta l-konvenut imblokkalhom l-aċċess li kellhom permezz tal-bieb li kien snin qabel iċċarrat minflok it-tieqa li kien hemm oriġinarjament. Infatti din il-kawża saret proprju biex l-attur jerġa' jirri-akkwistaw il-pussess tal-parti minn dan l-maħżen, inkluża fil-legat *de quo*. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk ukoll respinta.

“Jibqa' biss sabiex tiġi eżaminata u trattata l-ħames eċċezzjoni tal-konvenut, fejn jagħmel referenza għal dikjarazzjoni li saret fil-kuntratt tal-24 ta' Novembru 1964 li permezz tiegħu huwa xtara mingħand ħutu, bħala ko-eredi tal-ġenituri tagħhom, l-isħma spettanti lilhom mid-dar residenzjali tad-*decujus*. Din id-dikjarazzjoni kienet fis-sens segwenti:

> "*Kontestwalment il-fuq imsemmija aħhwa Attard ċioe' Felice, Antonio, Pasquale, Guseppe, George u Giovanni aħwa Attard jiddikjaraw ili huma ma għandhom x'jaqsmu xejn iżjed dwar il-wirt u suċċessjoni tal-genituri taghhom Guseppe u Adelina ga mizzewgin Attard*." [11]

“In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-konvenut jippretendi għalhekk illi issa mhux mogħti lill-attur li jirreklama xi parti minn dan il-wirt. Imma, kif ġia ntqal, l-attur, bħala suċċessur fit-titolu ta' missieru u zijuh, mhux qed jitlob l-ebda parti mill-wirt tad-*decujus*, li ma kienitx f'idejhom. Dakinhar li sar dan il-kuntratt, dawn kienu ġia fil-pussess tal-legat imħolli lilhom mill-ġenituri tagħhom, inkluż il-parti mill-maħżen li tiġi wara l-*garage* imħolli lilhom. Prova inekwivoka ta' dan tirriżulta wkoll mill-istess kuntratt, fid-deskrizzjoni mogħtija ta' x'kien qed jinbiegħ lill-konvenut. Infatti l-konvenut dakinhar kien qed jixtri:

> "… ħ*amsa minn tnax-il parti (5/12) mhix maqsuma tad-dar fin-numru tnejn (2) Trieq Santa Domenica, Vittorja, Għawdex, libera u franka u ħamsa minn tmintax-il parti mhix maqsuma (5/18) tal-ġnien tal-kejl ta' ċirka keltejn, kompriż il-maħżen ta 'go fih u li imiss l-istess ġnien mad-dar fuq imsemmija minn-naħha tal-lvant, liberu u frank ukoll l'istess ġnien*,…" [12]

---

[10] ara dikjarazzjoni fil-kuntratt tad-9 ta' Dicembru 1999, a fol. 72; ara wkoll l-artikolu 5 ta' dan it-testmnet a fol. 57 tal-process .

[11] ara kopja ta' dan il-kuntratt esebita a fol.14 - 19, u partikolarment din id-dikjarazzjoni a fol. 18 .

[12] a fol. 15 tal-process .

> Huwa evidenti li l-isħma mill-ġnien bil-maħżen ta' ġo fih, li nbiegħu lill-konvenut ma kienux l-istess bħal dawk li irrigwardaw id-dar mibjugħa wkoll bl-istess kuntratt, proprju biex jittieħed in konsiderazzjoni is-sehem minn dan il-ġnien u maħżen li kien tħalla lil missier l-attur u ħuh Felic bis-saħħa tal-legat imħolli lilhom mill-ġenituri tagħhom. Għalhekk din l-eċċezzjoni lanqas ma hi qed tiġi aċċettata.

**<u>L-Appell</u>**

7. Dan hu bazat fuq erba' aggravji: [1] li legalment l-attur ma setax jipprocedi ghall-azzjoni odjerna, li hi *actio rivendicatoria*, peress li bhala legatarju tal-fond *de quo* ma kienx talab li jigi immess fil-pussess tal-legat imholli lilu; [2] li hemm karenza fil-provi dwar it-titolu pretiz mill-attur; [3] li ddekorriet il-preskrizzjoni trentennali kontemplata fl-Artikolu 2143 tal-Kap. 16; u [4] li ddekorriet il-prekrizzjoni diecennali kontemplata fl-Artikolu 845 tal-istess Kap.

*L-ewwel aggravju*

8. Dan hu fis-sens li l-attur ma kellux l-interess guridiku li jressaq l-azzjoni odjerna peress li ma kienx talab formalment precedentement li jigi immess fil-pussess tal-legat tieghu. Jghid li l-azzjoni ta' rivendika meta tkun bazata fuq legat trid ta' bilfors issegwi talba ghall-immissjoni fil-pussess. Fil-kaz odjern tali talba qatt ma saret minn missier l-attur. Isotsni li l-kamra *de quo* qatt ma kienet fil-pussess tal-legatarju jew ahjar ko-legatarju, Anton Attard, missier l-attur. La dan u l-anqas l-ko-legarju l-iehor, Felice Attard, iz-ziju tal-attur, qatt ma talbu l-immissjoni fil-pussess tal-legat. Jghid "Din l-immissjoni kellha wkoll

tintalab mhux biss ghaliex il-ko-legarji qatt ma kienu fil-pussess materjali, izda in vista tal-fatt tal-kondizzjoni abbinata ma' dan il-legat."

9. L-attur jirribatti ghal dan l-aggravju b'zewg sottomissjonijiet, wahda ta' natura proceduarali u l-ohra li titratta l-meritu tal-aggravju.

10. Preliminarjament l-attur jghid li l-kwistjoni tal-immissjoni fil-pussess qatt ma tqajjmet bhala eccezzjoni formali fil-proceduri odjerni, izda giet sollevata biss fin-nota responsiva li l-konvenut ipprezenta quddiem l-ewwel Qorti qabel l-ghoti tas-sentenza. Min-naha tieghu l-konvenut isostni li din il-vertenza taqa' fl-ambitu tal-ewwel eccezzjoni tieghu li permezz taghha huwa eccepixxa hekk:

> "1. Illi l-attur ma ghandu ebda interess guridiku rigwardi l-kamra ossia mahzen li jinsab fuq wara tal-fond numru 17 Triq Arturo Mercieca, Victoria Ghawdex."

11. Fil-meritu jinghad li l-attur, filwaqt li jikkontesta l-allegazzjoni tal-konvenut li missieru u zijuh ma kellhomx il-pussess materjali tal-kamra *de quo*, jghid li mill-provi jirrizulta li meta mietet Adelina Attard [in-nanna paterna tieghu] fis-sena 1963, u ghalhekk wara l-mewt ta' zewgha Giovanni Attard [in-nannu patern] fis-sena 1954, iz-zewg legatarji, Anton u Felice, kellhom il-pussess materjali tal-fond u damu b'dan il-pussess ghal zmien twil sakemm l-konvenut imblokka l-access ghal din il-kamra min-naha tal-fond numru 17, b'mod li ha l-pussess eklussiv taghha. Ghalhekk f'dan il-kaz la Anton Attard u lanqas ibnu l-attur ma kellhom ghalfejn jitolbu li jigu immessi fil-pussess tal-

legat, stante li fil-gurnata tal-mewt ta' Adelina Attard, Anton diga` kellu l-pussess materjali, ghalkemm mhux esklussiv, tal-kamra.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

12. Rigward il-punt procedurali sollevat mill-attur, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika u duttrina citata mill-ewwel Qorti, tissenjala r-rekwizit li biex l-interess jikkwalifika bhala wiehed legittimu b'mod li jaghti legittimazzjoni attiva ghall-promozzjoni tal-azzjoni gudizzjarja jehtieg li jkun *"conforme al diritto di chi sta in causa….. Quindi se l'interesse e' scompagnato dal diritto non vi ha azione"*[13].

13. Issa jinsab assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' legat ma jistax jinghad li jezisti l-interess guridiku jekk il-legatarju ma jitlobx li jigi immess fil-pussess tal-legat, jew minghand l-eredi, jew minghand l-ezekutur testamentarju skont il-kaz, u dan peress li, ghalkemm huwa minnu li l-proprjeta` tal-legat tghaddi ghand il-legatarju mal-mewt tat-testatur, huwa pero` ma jkollux id-disponibilita` shiha tal-oggett lilu legat, ghax ma jkollux il-pussess tal-legat. Ghaldaqstant, il-legatarju ma jistax jressaq b'success kawza ghar-rivendika ta' dak il-legat minghand terz pussessur qabel ma hu jkollu l-pussess legali tal-oggett tal-legat. Rigward il-mod ta' kif legatarju jista' jigi immess fil-pussess jinsab affermat li l-immissjoni tista' tkun espressa jew tacita, u hija tacita meta l-

[13] Supra

legatarju jiehu pussess materjali tal-oggett u l-eredi ma jaghmilx oppozizzjoni.[14]

14. Ferm il-premess il-Qorti ser tghaddi biex titratta z-zewg punti sollevati mill-attur biex jirribatti dan l-aggravju.

15. Jirrizulta car li l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kienet giet sollevata mill-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, u cioe` fl-istadju inizjali tal-proceduri, u ghalhekk l-ilment tal-attur li l-vertenza dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat tal-mahzen ma gietx formalment sollevata hija insostenibbli stante li n-nuqqas tal-pussess legali da parti tal-legatarju jwassal ghan-nuqqas ta' interess guridiku sabiex dan jippromwovi proceduri ta' rivendika. L-attur jista' jilmenta li fl-eccezzjoni ma ssemmiex dan il-punt tal-immissjoni fil-pussess, izda ma jistax validament jghid li dan il-punt ma jidholx il-parametri tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut. F'kull kaz, jekk l-attur ma kienx cert mill-bazi ta' din l-eccezzjoni, huwa dejjem seta` talab kjarafika fir-rigward. Barra minnhekk dan il-punt gie trattat b'mod estensiv fin-nota responsiva tal-konvenut prezentata quddiem l-ewwel Qorti fit-22 ta' Ottubru 2010 qabel ma ghaddiet biex taghi s-sentenza fit-2 ta' Dicembru 2010, u mill-atti ma jirrizultax li kien sar xi ilment fir-rigward quddiem dik il-Qorti. Inoltre, fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2008, matul il-kontro-ezami ta' George Attard, bin

[14] Ara fost ohrajn ***App.C Francesco Vassallo La Rosa vs Oreste Vassallo La Rosa*** [1936] Vol.XXIXC.I.675; ***App.C. Maurice Busuttil vs Joseph Meli*** [1998] Vol.LXXX.II.674; u ***PA [TM] Rev.Frangisk Azzopardi vs Hilda Cauchi***, deciz 14 Ottubru 2004, u kazistika hemm citata.

Felice, id-difensur staqsa domandi espressament dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat.[15]

16. Ghalhekk la jista' validament jinghad li il-vertenza dwar l-immissjoni fil-pussess mhijiex koperta b'eccezzjoni formali, u lanqas jista' jinghad li dan il-punt ma tressaqx ghal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti. Ghaldaqstant dan l-ilment tal-attur huwa nfondat fattwalment u legalment.

17. Issa din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju fil-meritu tieghu, li bazikament jirriduci ruhu ghad-determinazzjoni tal-punt jekk mill-provi jirrizultax li wara l-mewt ta' Adelina Attard kienx hemm immissjoni fil-pussess tacita favur Anton Attard dwar parti mill-mahzen *de quo*. Mil-lat fattwali l-attur isostni li peress li diga` kien hemm din l-immissjoni fil-pussess, ma kienx hemm bzonn talba formali da parti tal-attur jew il-predecessur tieghu, stante li, wara l-mewt ta' Adelina Attard, Anton Attard kien fil-pussess effettiv, ghalkemm mhux esklussiv, tal-kamra almenu zgur sa l-10 ta' Dicembru 1969, filwaqt li l-konvenut fl-aggravju tieghu isostni li l-kamra "qatt" ma kienet fil-pussess tal-legatarju Anton Attard.

18. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta manifest li wara l-mewt ta' Guzepp Attard fis-sena 1954 u wkoll wara l-mewt ta' Adelina Attard fis-sena 1963, fil-mahzen kienu baqghu jahdmu Anton [missier l-attur] u Felice, ahwa

[15] Fol.201

Attard, u dawn kienu jhaddmu maghhom lil huhom Giovanni, il-konvenut, li min-naha tieghu qatt ma ghamel oggezzjoni dwar li hutu kienu baqghu juzaw dik il-parti mill-mahzen ghax-xoghol taghhom. Anzi mill-provi jirrizulta li bejn is-snin 1955 u 1956 meta l-konvenut kien jahdem part-time ma' hutu huwa kien carrat it-tieqa li kien hemm fil-mahzen biex fetah bieb iehor li jaghti access ghall-fond numru 17 minn fejn kienu jahdmu Anton u Felice. Jigifieri, mhux talli l-konvenut ma kienx oggezzjona li dawn hutu baqghu juzaw il-mahzen ghan-negozju taghhom, izda talli hu addirittura fetah bieb sabiex dawn ikollhom access ghall-mahzen mill-fond taghhom. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li hut il-konvenut jitolbu immissjoni formali tal-pussess ghax huma kienu diga` fil-pussess materjali u effettiv ta' din il-parti tal-mahzen imhollija lilhom bi prelegat u kienu jaghmlu uzu minnha minghajr ebda oggezzjoni da parti tal-konvenut.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

20. Dan jirrigwarda t-titolu pretiz mill-attur dwar dik il-parti mill-mahzen li tigi fuq in-naha ta' wara tal-fond 17 illum proprjeta` tieghu.

21. Il-fatti relevanti ghal dan l-aggravju huma dawn.

22. Kif fuq gia` indikat, il-fondi in kwistjoni, bin-numri 15 u 17 kienu originarjament proprjeta` ta' Guzepp u Adelina, konjugi Attard, li jigu l-genituri tal-konvenut u n-nanniet tal-attur. Dawn il-fondi kienu nbnew minn Guzepp, b'mod li l-fond numru 15 kien iservi bhala d-dar konjugali, filwaqt li l-fond adjacenti, bin-numru 17, kien iservi bhala workshop fejn kien jaghmel ix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa. Wara dawn il-fondi hemm gnien u wara dan il-gnien hemm il-mahzen in kwistjoni, li, kif diga` fuq spjegat, jinsab fuq in-naha ta' wara taz-zewg fondi.

23. Illi b'testment li sar fis-6 ta' Dicembru 1963, parti mill-mahzen, thalla bhala prelegat lil Anton u Felice, ahwa Attard, kif ukoll lill-konvenut li pero` tilef sehemu mil-legat wara li avverat ruhha l-kundizzjoni indikata fl-istess testment. Ghalhekk parti mill-mahzen giet akkwistata minn Anton u Felice permezz ta' dan il-prelegat.

24. Rigward l-identifikazzjoni tal-oggett tal-prelegat, jigi osservat li fit-testment dan gie deskritt hekk:

> "…il-hanut jew mahzen ta' mastrudaxxa….li ghandu jigi mifrud mid-dar kontigwa…. Mal-istess hanut inhallulhom parti mill-genien u mill-mahzen li hemm fl-istess gnien, jigifieri terza parti mis-superfici tal-gnien kollu kompriz il-mahzen ta' go fih…"

25. Illi ma giex kontestat li din il-parti tal-mahzen formanti l-oggett tal-prelegat hija dik il-parti li tigi wara l-gnien tal-fond numru 17 illum proprjeta` tal-attur. Ghalhekk minn dan ghandu jirrizulta car li t-titolu tal-attur ghal din il-parti

tal-mahzen jorigina mill-imsemmi testment li jifforma l-bazi legali tal-istess titolu.

26. B'kuntratt[16] ta' xiri-u-bejgh pubblikat fl-24 ta' Novembru 1964 il-konvenut xtara s-sehem ta' hutu mid-dar tal-ġenituri taghhom, cioe` il-fond numru 15 bil-gnien u dik il-parti mill-mahzen retrostanti ghal dan il-fond, u ghall-finijiet tal-privatezza ttella' hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetarjiet sal hajt tal-mahzen. Sadanittant il-mahzen kellu zewg accessi, dak originali li jaghti ghall-fond 15 u dak li nfetah wara, mill-konvenut, fis-snin 1955/1956.

27. Illi bejn is-snin 1972 u 1973 il-konvenut rama ghar-rasu u beda jahdem minn garage li kien bena band' ohra fuq bicca art li kien xtara fl-10 ta' Dicembru 1969. F'dan iz-zmien huwa kien ghalaq il-bieb li jaghti ghall-fond 17 bil-folja tac-chipboard u eventwalment imbarra l-bieb bil-gebel. Sadanittant, ghalkemm hutu pprovaw inutilment jikkonvincuh bil-kelma t-tajba sabiex jerga' jiftah il-bieh u jaghtihom l-access li kellhom qabel ghal dik il-parti tal-mahzen, huma ma hadux passi legali kontra tieghu.

28. Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni li sar fis-17 ta' Dicembru 1984, Anton u Felice, Attard qasmu l-proprjeta` li kellhom in komuni, bir-rizultat li l-fond 17 gie assenjat lil Anton Attard. Dan min-naha tieghu, fit-12 ta' Novembru 1996 ta dan il-fond b'donazzjoni lill-attur.

[16] Foll.14 et seq.

29. Issa rigward it-titolu ghal dik il-parti tal-mahzen li tigi wara l-fond numru 17 il-konvenut isostni li bil-kuntratt ta' xiri-u-bejgh li sar fl-24 ta' Novembru 1964 huwa akkwista s-sehem li hutu kienu akkwistaw mill-wirt tal-genituri taghhom. Jghid li dan johrog mill-klawsola indikata fl-istess kuntratt li tghid li l-ahwa Attard, inkluz allura Anton Attard "*jiddikjaraw li huma ma ghandhom xejn x'jaqsmu izjed dwar il-wirt u successjoni tal-genituri taghhom Guseppi u Adelina gia` mizzewwgin Attard.*"[17] Huwa jghid li, ghalkemm jaccetta li sakemm sar il-kuntratt il-parti tal-mahzen li tigi wara l-fond 17 kienet ta' hutu Anton u Felice[18], jsostni li din il-klawsola tkopri wkoll dik il-parti tal-mahzen.

30. Fil-parti relevanti tal-kuntratt imsemmi dak li xtara l-konvenut, gie deskritt hekk:

> "… u hamsa minn tmientax-il parti [$^5/_{18}$] mhix maqsuma tal-gnien bil-kejl ta' circa haltejn kompriz il-mahzen ta' go fih [19]u li jmiss l-istess gnien mad-dar fuq imsemmija.."

31. Fir-rigward din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, li dan il-kuntratt kien jirrigwada parti biss mill-gnien u tal-mahzen li hemm fih, u cioe` dik il-parti tal-mahzen retroposta ghall-fond numru 15 li kien akkwista l-konvenut. Inoltre, id-dikjarazzjoni maghmula mill-kontraenti li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn izjed mal-wirt tal-genituri taghhom, ma tfissirx li Anton u

[17] Fol.18
[18] Fol.33
[19] Sottolinear ta' din il-Qorti

Felice rrinunzjaw ghall-parti tal-mahzen li huma <u>kienu gia` akkwistaw</u> permezz tal-prelagat mal-mewt tal-genituri taghhom.

32. Kif inhu affermat fil-gurisprudenza, ir-rinunzja trid tkun cara u inekwivoka, b'mod li ma thalli ebda dubju dwar l-intenzjoni ta' min ikun irid jirrinunzja ghal dak li bid-dritt huwa tieghu. "Ir-rinunzji huma *di stretto diritto*, u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta` preciza ta' rinunzja. Quindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji cari u assoluti li l-volonta` tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizji u l-fatti jhallu dubju dwar il-volonta` tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinuzja".[20]

33. "La rinunzja non si presume e deve' essere concludentemente provata; se e' tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [21]

34. Ghalhekk, fil-kaz odjern din il-qorti tosserva li kieku verament Anton u Felice riedu jirrinunzjaw espressament ghad-dritt ta' proprjeta` taghhom fuq il-

[20] ***PA Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb****, decia 9 ta' Ottubru.2003; u* ***App.S. Joseph Grech vs Dolores Ellis****, deciz – 29 ta' Ottubru 2004.*

[21] ***App. Chappelle vs Caruana Gatto****, deciz 17 ta' Gunju 1898*

parti tal-mahzen li tieghu kienu qed jaghmlu uzu shih, kienu jindikaw dan espressament fil-kuntratt. Wara kollox anke l-fond numru 17 kien originarjament jifforma parti mill-wirt tal-genituri taghhom, izda xorta wahda ma saret ebda pretensjoni fir-rigward da parti tal-konvenut fuq dan il-fond.

35. Dan hu sostnut mill-provi li manifestament juru li anke wara li kien sar dak il-kuntratt fis-sena 1964 Anton u Felice kienu baqghu juzaw dik il-parti tal-mahzen bhala parti mill-post fejn kienu jiggestixxu n-negozju taghhom, tant li f'dik il-parti kienu jpoggu t-twiebet, u di piu` il-konvenut kien diga` fetah bieb li jaghti addirittura ghall-fond 17 fejn kienu jahdmu hutu.

36. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti hi tal-fehma li dak li gie dikjarat fil-kuntratt tax-xiri-u-bejgh tas-sena 1964 kien jirrigwarda biss il-fond numru 15 bil-gnien u parti mill-kamra retroposti ghall-istess, u kien f'dan ir-rigward li l-kontraenti f'dak il-kuntratt kienu ddikjaraw li m'ghandhomx x'jaqsmu xejn "izjed mal-wirt u successjoni" tal-genituri taghhom. Ghaldaqstant ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul fir-rigward mill-ewwel Qorti.

37. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

38. Dan huwa fis-sens li l-attur tilef id-dritt li jagixxi gudizzjarjament fuq il-parti tal-mahzen retrostanti l-fond tieghu bit-trapass tal-preskrizzjoni trigennali skont l-Artikolu 2143 tal-Kap. 16.

39. Mill-provi jirrizulta li fid-29 ta' Settembru 1999 l-attur baghat ittra ufficjali lill-konvenut bl-iskop car li tigi nterrotta l-preskrizzjoni[22] fejn talbu sabiex jirrilaxxja dik il-parti tal-mahzen li tigi wara l-fond 17; jrrizulta wkoll li, ghalkemm Anton Attard kien ipprova bil-kelma t-tajba jipperswadi lill-konvenut sabiex dan jerhi dik il-parti tal-mahzen retrostanti ghall-fond 17, huwa xorta wahda ma riedx li jipprocedi gudizzjarjament kontra huh, u dan sabiex izomm il-kwiet u ma jinqalax inkwiet bejniethom. Sussegwentement missier l-attur marad b'marda terminali u fit-12 ta' Novembru 1996 huwa ttrasferixxa dan il-fond b'donazzjoni lil ibnu, l-attur.

40. Din il-Qorti tosserva li dwar il-bidu tad-dekorriment tal-perjodu preskrittiv hemm kuntrast fil-provi li jimmilita serjament kontra t-tezi tal-konvenut.

41. Min-naha wahda hemm ix-xhieda tal-konvenut li jghid li l-bieb kien gie imbarrat minnu bil-folja tal-injam bejn l-ahhar tas-sena 1969 u bidu tas-sena1970 meta huwa kien akkwista l-art fejn eventwalment bena garaxx biex

[22] Fol.2128

jarma ghal rasu[23]. Huwa jghid li kien imbarra l-bieb meta hutu hargu kollox minn hemm[24]. Wara circa sena, imbaghad imbarrah bil-gebel.

42. Din it-tezi pero` ssib kuntrast fix-xiehda ta' George Attard bin l-istess konvenut li jghid li sas-snin 1973 u 1974 il-bieb ma kienx ghadu imbarrat bl-injam, ghalkemm iz-zijiet kienu jpoggu l-oggetti hemmhekk.[25] L-istess xhud jghid li l-bieb tal-mahzen li kien jaghti ghal fond 17 kellu firroll fuq zewg nahat, izda, ghalkemm iz-zijiet, Anton u Felice, setghu jidhlu minn dan il-fond ghal din il-parti tal-kamra, il-konvenut u t-tfal tieghu ma setghux jidhlu minn dan il-bieb ghal gol-fond 17 peress li minn dik in-naha l-access kien ikun imblokkat. Dan ix-xhud jghid ukoll li f'dik il-parti tal-mahzen iz-zijiet kienu jpoggu t-twiebet filwaqt li l-konvenut kien jillostrahom.[26]

Xhud iehor, Joseph Attard, ukoll bin il-konvenut, jghid li missieru kien mar jahdem fil-post il-gdid tieghu fis-snin bejn 1971 u 1972.[27]

43. L-attur isostni li dik il-parti tal-mahzen kienu juzawaha missieru u z-ziju Felice biss.[28] Jispjega li ma kienitx saret *partition* fil-mahzen meta kien inbena l-hajt divizorju bejn il-gonna taz-zewg fondi peress li fil-mahzen kien jahdem ukoll il-konvenut.

23 Fol.242
24 Fol.282
25 Fol.127-129, 138, 151,
26 Fol.154
27 Fol.159
28 Fol.173

44. George Attard, hu l-attur, jghid li l-bieb kien imbarrat bl-injam fis-sena 1987.[29] Izda missieru baqa' passiv anke meta l-konvenut imbarra l-bieb bil-gebel peress li f'dak iz-zmien kien marid bil-kancer u ma kienx jiflah jidhol fi kwistjonijiet ma' huh. Dan ix-xhud jikkonferma li qatt ma saret *partition* fil-mahzen ghax hemm kien jintuza kemm minn missieru u huh Felice, kif ukoll mill-konvenut. Ghalhekk ma kienx hemm raguni ghaliex l-mahzen jigi diviz materjalment.[30] Dan hu konfermat ukoll minn George Attard, bin il-konvenut, li kkonferma wkoll li l-mahzen kien jintuza bhala *store* ghax-xoghol li kien isir fil-fond numru 17.[31]

45. Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, ladarba huwa l-konvenut li qed jeccepixxi l-preskrizzjoni jaqa' fuqu l-oneru li jipprova d-dekorriment tat-tletin sena sakemm saret l-ittra ufficjali fid-29 ta' Settembru 1999. Fir-rigward tad-*dies a quo* hemm konflitt fil-provi, fis-sens li filwaqt li l-konvenut isostni li huwa kien imbarra l-bieb fis-sena 1969 meta akkwista l-art li fuqha sussegwentement bena l-garage, il-provi juru li kien wara din id-data li effettivament huwa mbarra l-bieb. Dan ghamlu meta ma baqax jahdem ma' hutu u mar jahdem fil-garage il-gdid tieghu. L-ewwel Qorti accettat bhala

[29] Foll.184-185
[30] Fol.184
[31] Fol.202

veritiera u verosimili l-verzjoni moghtija minn bin il-konvenut stess li jghid li sas-sena 1973 il-bieb ma kienx ghadu mbarrat.[32]

46. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tqisx li l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward kien wiehed zbaljat. Ma giex provat sodisfacentement li mid-data li fiha l-konvenut imbarra l-bieb bl-injam, u sena wara bil-gebel, ghadda l-perjodu ta' tletin sena sakemm giet prezentata l-ittra ufficjali mill-attur u notifikata lill-konvenut fit-30 ta' Settembru 1999 li allura interrompiet il-perjodu preskrittiv trigennali.

47. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*Ir-raba' aggravju*

48. Dan hu msejjes fuq il-premessa li la missier l-attur u lanqas l-attur ma gew immessi fil-pussess tal-prelegat ta' dik il-parti tal-mahzen retrostanti l-gnien tal-fond 17, u ghalhekk l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' ghaxar snin skont l-Artikolu 845 tal-Kap. 16. Il-konvenut isostni li "Din il-kamra mertu ta' din il-kawza qatt ma kienet fil-pussess tal-legatarju qabel ma giet ittrasferita lil ibnu [l-attur] b'donazzjoni u ma setax allura jfejjaq dan in-nuqqas min-naha tieghu billi ttrasferixxa l-proprjeta`".

49. Din il-Qorti filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju tosserva li mill-provi jirrizulta *ex abundantia* li Anton Attard, missier l-attur, kien ilu fil-pussess

[32] Fol.127

effettiv ta' dik il-parti tal-mahzen retrostanti l-gnien tal-fond numru 17 mis-sena 1954 meta hu u huh Felice kienu jahdmu f'dan il-fond u kienu juzaw dik il-parti tal-mahzen bhala store fejn ipoggu t-twiebet.

50. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghal motivi fuq indikati tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------